# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 808/01GV**

**Chef Choice Limited**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta Priceclub Operators Limited ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u tlettax il-lira maltija u disgha u disghin centezmu (Lm2,313.99) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija tat-tip ta' affarijiet tal-ikel, mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta fuq talba taghha stess, kif jidher mill-istatement tas-socjeta' attrici, hawn anness bhala Dok. 'A';

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni;

Premess illi ghall-finijiet tal-artikolu mija sebgha u sittin (167) "*et sequitur*" tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dok. 'B';

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma minnha dovuta ta' elfejn tlett mija u tlettax il-lira maltija u disgha u disghin centezmu (Lm2,313.99) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija, tat-tip ta' affarijiet tal-ikel, mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta fuq talba taghha stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000 u tad-9 ta' April, 2001, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Dicembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet lil David Demarco li ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**